MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 503/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Falzon Helen sive Elenita K.I. 506761(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' mitejn u erbgħa u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€254.56), dovuta mill-konvenuta lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bin-numru 79471609, kont numru *A/C 50112597* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2013, illi permezz tagħha it-talba ġiet ridotta għas-somma ta' mitejn Ewro (€200), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fl-udjenza tal-15 t'April 2013, illi permezz tagħha it-talba ġiet ridotta għas-somma ta' mitt Ewro (€100), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' mitt Ewro (€100.00), bl-imgħax legali dekorribbli mit-18 ta' Lulju 2011, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 2795/11, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------